MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.

## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 81/2014

**Avukat Dr Christopher Cilia (K.I. 121268M) bhala mandatarju specjali tal-assenti Eileen Berry (K.I. 0251110L) kif debitament awtorizzat in forza tal-prokura hawn annessa bhala Dok A**

**vs**

**Jurgen Wolfl u martu Michaela Wolfl ghall kull interess li jista' jkollha**

Il-Bord:

Ra r-rikors guramentat li jghid hekk;

1. Illi permezz ta' skrittura ta' lokazzjoni datata 6 ta' Dicembru, 2013 (kopja hawn annessa u mmarkata bhala Dok B) ir-rikorrenti Eileen Berry kriet lill-intimat Jurgen Wolfl il-villa bin-numru 53, Triq Ghajn Zejtuna, Mellieha ghall-perjodu ta' sena mit-23 ta' Dicembru, 2013 sat-22 ta' Dicembru, 2014 u dan versu t-temini u l-kundizzjonijiet stipulati fl-imsemmija skrittura ta' lokazzjoni.

2. Illi fl-imsemmija fond jghix kemm l-intimat Jurgen Wolfl illi a favur tieghu saret din il-kirja u kif ukoll martu Michaela Wolfl.

3. Illi fost dawn it-termini u kundizzjonijiet hemm dak stipulat fil-klawsola intestata 'q' fis-sens li jekk l-intimat bhala kerrej ikun moruz anke fi skadenza wahda ta' hlas ta' kera u jibqa' hekk moruz ghall-perjodu ta' sebat (7) ijiem mid-data li fiha huwa suppost li kellu jhallas il-kera, allura l-kirja in kwistjoni tigi terminata.

4. Illi fil-fatt l-intimat huwa moruz fil-hlas mhux ta' skadenza wahda ta' kera izda ta' diversi skadenzi ta' kera u minkejja li r-rikorrenti interpellat lill-intimat biex ihallas il-kera dovut huwa baqa' inadempjenti.

5. Illi ghalhekk ir-rikorrenti Eileen Berry trid li din il-kirja tigi terminata u li tiehu lura l-pussess tal-villa iktar il' fuq deskritta.

6. Illi r-rikorrenti Eileen Berry qieghda f'dan l-istadju tirriserva d-drittijiet l-ohra taghha kollha inkluz *inter alia* ghall-hlas tal-arretrati ta' kera, ta' imghax u kontijiet tad-dawl u ilma mhux imhallsa u qieghda appozitament tillimita din l-azzjoni odjerna ghar-ripreza tal-pussess vakant tal-villa inkwistjoni.

7. Illi ghar-ragunijiet hawn fuq spjegati jezistu l-elementi kollha rikjesti a tenur tal-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex dan l-Onorabbli Bord jilqa' dawn it-talbiet minghajr ma jghaddi ghas-smiegh tal-kawza stante li l-intimati m'ghandhom ebda difiza valida x'jaghtu ghal dawn it-talbiet, u dan kif konfermat ukoll fid-dikjarazzjoni guramentata li qed tigi pprezentata flimkien ma' dan ir-rikors.

Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex m'ghandux dan l-Onorabbli Bord;

(i) Jiddeciedi skond it-talbiet bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-ligijiet ta' Malta;

(ii) Prevja kull dikjarazzjoni ohra talvolta mehtiega u necessarja, tiddikjara terminata, ghar-ragunijiet premessi, il-kirja moghtija mir-rikorrenti Eileen Berry lill-intimat Jurgen Wolfl permezz tal-iskrittura ta' lokazzjoni datata 6 ta' Dicembru, 2013 (Dok B) tal-villa bin-numru 53, Triq Ghajn Zejtuna, Mellieha;

(iii) Konsegwentement tikkundanna lill-intimati sabiex fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi prefiss minn dan l-istess Onorabbli Bord jizgombraw mill-imsemmija villa bin-numru 53, Triq Ghajn Zejtuna, Mellieha u jirrilaxxaw il-pussess vakant tal-imsemmija villa a favur tar-rikorrenti.

Bl-ispejjez kollha u b'rizerva ta' kull dritt iehor t'azzjoni spettanti lir-rikorrenti kontra l-intimat skond il-ligi.

In vista tal-fatt illi l-intimati ma jifhmux bil-lingwa Maltija, dan l-att gudizzjarju qed jigi notifikat kemm bil-lingwa Maltija u kif ukoll bil-lingwa Ingliza u dan a tenur tal-provvediment tal-Kapitolu 189 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semgha l-ammissjoni tal-intimati kif registrata fis-seduta tas-6 ta' Novembru 2014 permezz ta' verbal maghmul fl-atti tal-kawza mid-difensur tal-istess intimati;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Stante ammissjoni tat-talbiet rikorrenti, r-rikors odjern jimmerita li jkun milqugh;

Ghal dawn il-motivi, l-Bord qed jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u ghal fini ta' zgombru qed jipprefigi zmien tat-30 ta' Dicembru 2014.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-istess intimati.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------